**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Samir S.M. Werfali**

Numru: 91/2014

Illum 19 ta' Novembru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Samir S.M. Werfali,** ta' tlieta u tletin (33) sena, iben Salem u Mabruka nee' Znati imwieled Tripoli, Libja, fis-26 ta' Mejju 1981 u residenti Madonna tal-Karmnu, Blk 8, Triq ir-Rabat, Xlendi limiti tal-Munxar, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 61892, akkuzat talli fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Awwissu 2014 hekk ghall-habta tas-siegha u kwart (01.15hrs) ta' filghodu gewwa Triq ir-Rabat, Xlendi limiti tal-Munxar, Ghawdex;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta'

Abduraouf Younis Mansur Altabib I.D. No. 58794A u dan bi strument li jaqta' u bil-ponta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qabad armi kontra l-persuna ta' Abduraouf Younis Mansur Altabib I.D. No. 58794A;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' Abduraouf Younis Mansur Altabib I.D. No. 58794A sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci tal-pubbliku b'ghajjat u glied;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

6. U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkustanzi filwaqt li kien qieghed jaghmel delitt kontra l-persuna ta' Abduraouf Younis Mansur Altabib I.D. No. 58794A kellu fil-pussess tieghu arma regolari u cioe' strument li jaqta' u bil-ponta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija barra l-piena skont il-ligi tapplika l-Artiklu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa;

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tordna il-konfiska tal-Corpus Delicti u dan skond l-Artikolyu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 131) datata 13 ta' Awwissu 2015 li permezz taghha baghat lill-imputat Samir S.M. Werfali biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(1) Artikoli 216(c) u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Artikoli 338(dd), 339(1)(b)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(5) Artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-30 ta' Settembru 2015 (*a fol.* 133), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-13 ta' Awwissu 2015, u f'liema seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procesdiment u d-dokumenti esebiti.

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti rat il-verbal li sar fis-seduta tal-lum mill-imputat u l-partecivile fejn iddikjaraw li *"jaqblu illi n-natura tal-griehi hija wahda hafifa u dan in linea mac-certifikat mediku esebit f'dawn l-atti. Inoltre l-imputat jobbliga ruhu illi ma jimmolestax u ma jdejjaqx lill-parte civile Altabib Abduraouf Younis Mansur. L-imputat jobbliga ruhu illi ma jimmolestax u ma jdejjaqx lill-parte civile. Jobbliga ruhu ukoll illi jhallas lill-parte civile s-somma ta' elf euro (€1,000) bhala kumpens ghad-danni subiti, liema somma ghandha tithallas f'rati mensili ta' mija u hamsin ewro (€150), bl-ewwel pagament ikun dovut fit-30 ta' Novembru 2015 b'dan illi kemm-il darba ma tithallasx xi rati huwa jitlef il-beneficju tat-terminu. In vista ta' da nil-parte civile tirrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli kriminalment kif ukoll ghall-pretensjonijiet civili."*

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib htija tal-imputazzjonijiet li m'humiex rinunzjabbli.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet li m'humiex rinunzjabbli u anke obbliga ruhu li jhallas kumpens lill-parte civile.

**Decide:**

Ghaldaqstant, il-Qorti, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u wara li rat l-Artikoli indikati fin-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali tat-13 ta' Awissu 2015 u wara r-rinunzja tal-parte civile tal-akkuzi rinunzjabbli l-Qorti issib lill-imputat Samir S.M. Werfali hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

*In oltre*, b'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Protezzjoni skont id-digriet hawn anness.

Finalment, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tas-sikkina esebita bhala Dok 'FT 10'.

___________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**